**14 ta' Awissu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D. et.

**Proċedura — Ħinijiet tal-Reġistru — Libell — "Fair Comment" — Verità tal-Fatti — Uffiċjal Publiku — Editur — Art. 23(1) tal-Kap. 117.**

*Ma hemm ebda ostakolu fil-liġi li l-Qorti tordna li fl-interess tal-ġustizzja l-kawża titkompla quddiemha avvolja jkun għalaq ir-Reġistru; u għalhekk mhux irritwali l-ordni jew*

*digriet tal-Qorti, li bih, fid-diskrezzjoni prudenzjali tagħha, u għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, tordna li jinżammu seduti wara l-għeluq tar-Reġistru.*

*L-eċċezzjoni tal-"fair comment" għandha jkollha bħala bażi fatti veri fil-kompletezza tagħhom; jekk ma tiġix pruvata l-verità ta' dawn il-fatti, dik l-eċċezzjoni ma tistgħax lanqas biss tiġi kontemplata.*

*Huwa veru li kull ċittadin għandu d-dritt jikkommenta f'ġurnal, u anki, jekk jidhirlu, b'mod aħrax, indipendentement minn jekk il-qarrej jikkondividix l-opinjoni tiegħu, fuq materja ta' interess publiku; imma ma jistgħax fil-kitba tiegħu jattribwixxi lill-uffiċjal publiku għemil diżonest fl-eżekuzzjoni tal-kariga tiegħu mingħajr ma jipprova l-allegazzjoni tiegħu. Jekk l-uffiċjal publiku hu suġġett għall-kritika f'dak li jirrigwarda l-kariga tiegħu, anki b'mod iebes, u għall-bżonn preġudikat, minn naħa l-oħra dak l-uffiċjal għandu d-dritt li ma jkunx offiż fl-unur u r-riputażżjoni tiegħu; u min jattakkalu dan il-ġid morali b'attribuzzjonijiet speċifiċi, irid, almenu sostanzjalment, jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu, biex ikun jista' jeħles mir-responsabbiltà tiegħu quddiem il-liġi.*

*L-editur tal-gazzetta li fiha deher l-artikolu nġurjuż ma hux meħlus milli jobdi l-ordni tal-Qorti, meta dan ikun hemm, li jippublika s-sentenza jew sunt komprensiv tagħha skond il-liġi, bil-fatt li hu ma jkunx baqa' editur tal-ġurnal meta tingħata s-sentenza kontra tiegħu. Il-liġi tagħti lill-persuna offiża d-dritt li titlob dak il-provvediment bħala forma ta' riparazzjoni għall-offiża; u l-pożizzjoni ma titbiddelx billi l-editur ikun spiċċa minn dik il-funzjoni.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Dr. Carmelo Caruana u Anthony Micallef, li bih appellaw mid-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 u 19 ta' April 1958, u mis-sentenza tal-istess Qorti tat-30 ta' April 1958; u talbu li, wara li jinġiebu l-provi skond il-liġi, huma jiġu liberati minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmi digriet tas-16 ta' April 1958, li bih l-Ewwel Qorti, fuq l-asserzjoni tad-difiża tal-irritwalità tal-

proċeduri mħabba f'seduti tal-Qorti wara l-ħinijiet tar-Reġistru, ordnat li, fl-interess tal-ġustizzja, il-kawża titkompla non ostante l-għeluq tar-Reġistru;

Rat id-digriet l-ieħor tad-19 ta' April 1958, li bih l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-imputati għall-produzzjoni ta' "files" dipartimentali;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha, fuq ċitazzjoni "ex officio", l-imputat Dr. Caruana bħala l-editur, u l-imputat Anthony Micallef bħala l-istampatur, ġew misjuba ħatja tal-imputazzjoni, *jiġifieri li fil-gazzetta* "Malta Tagħna", numru 116 it-tielet sena, bid-data tas-Sibt 5 ta' April 1958, fl-artikolu taħt it-titolu "Mintoff Ħalliel ta' Ġid il-Poplu", fl-ewwel u fit-tieni paġna, taw malafama lill-Perit Dom Mintoff billi attribwewlu fatti determinati, jiġifieri li huwa kkommetta reat passibbli ta' proċeduri kriminali u meritevoli tal-ħabs, u li biex jevita l-istess proċeduri għandu *mnejn jaħrab minn Malta; iżda b'dan li l-imputat* Micallef ma aġixxiex xjentement. L-imputat Dr. Caruana ġie kundannat għal multa ta' £12 skond l-art. 15(a) u 26 (c) tal-Kap. 117; u l-imputat Micallef għal ammenda ta' £3 skond l-art. 15, 29, u 26(b) tal-istess Kap; u fuq talba tal-Perit Mintoff ġiet ordnata l-publikazzjoni tas-sentenza jew sunt komprensiv tagħha f'ħarġa tal-gazzetta "Malta Tagħna" sussegwenti għas-sentenza, u mhux iżjed tard mit-tieni waħda, fit-termini tal-art. 23(1) ta' dak il-Kap;

Rat id-deċiżjoni ta' dil-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Ġunju 1958, li biha ġie respint l-appell mid-digriet riferit tad-19 ta' April 1958;

Rat id-digriet ta' dil-Qorti tal-31 ta' Lulju 1958, li bih, għar-raġunijiet hemm indikati, ġiet miċħuda t-talba tal-appellanti għall-produzzjoni ta' xhieda ġodda;

Eżaminat l-atti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat, fuq l-impunjazzjoni tad-digriet tas-16 ta' April 1958;

Ma hemm ebda ostakolu fil-liġi għall-provvediment meħud mill-Ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni prudenzjali tagħha, għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, li żżomm seduti wara l-għeluq tar-Reġistru. Anzi, l-art. 389(1) tal-Proċedura Kriminali jippreskrivi li, jekk ikun pratikabbli, il-Qorti għandha tagħti s-sentenza dak inhar stess tal-konklużjoni tas-smiegħ tal-kawża. Is-seduti ma nżammux f'xi waħda mill-ġranet eċċettwati fl-art. 424(1) tal-Proċedura; l-imputati kienu assistiti mid-difensuri; meta l-imputat Dr. Caruana ma kienx jiflaħ, is-seduta ġiet differita, u ma tirriżultax ebda leżjoni tad-drittijiet defensjonali tal-imputati;

Għalhekk, l-appell minn dak id-digriet hu miċħud, u l-istess digriet hu konfermat;

Ikkunsidrat;

Fil-ħarġa numru 116 tat-tielet sena, tal-5 ta' April 1958, bħala numru speċjali tal-gazzetta "Malta Tagħna", hemm publikat, fl-ewwel u fit-tieni paġna, artikolu bit-titolu "Mintoff Ħalliel ta' Ġid il-Poplu", u bis-subtitolu "Il-Forti tas-Salvatur Rigalat lil Raymond Mintoff". Ħdejn l-artikolu hemm publikat, taħt it-titoli "L-Aħħar u l-Akbar Skandlu" u "Rigal tal-Gvern lil Ħu l-Perit Mintoff", illi b'att publiku irrigala lil-ħuh Raymond Mintoff u lill-sħabu l-Forti San Salvatore;

Illi jirriżulta mill-atti li l-Gvern ta b'ċens perpetwu lid-ditta "Prestressed Concrete (Malta) Ltd.", magħmula minn Raymond Mintoff u l-erbgħa l-oħra hemm indikati, biċċa art tal-kejl ta' 126,509 piedi kwadri, bil-bini li hemm fiha, għal skopijiet industrijali; illi mal-att hemm pjanta tas-sit, u illi parti mill-bini hu mġarraf jew maħruq, iżda parti sewwa minnu għadha fi stat tajjeb biex tiġi wżata; u illi fil-kuntratt ma hemmx lanqas is-solita kondizzjoni li ġġiegħel lil min ħa ċ-ċens biex jagħmel ċerta spiża f'benefikati;

Fl-artikolu prinċipali jingħad sostanzjalment hekk:—

1. "Li Mintoff diżonest ilna nafuh, u hu qatt ma fittixna fuq daqshekk; imma li Mintoff hu ħalliel sa dal-pont qatt ma stajna nimmaġinawh. Qatt ma stajna naħsbu li Mintoff kien ser ikun daqshekk bla mistħija u bla kuxjenza li jagħmel il-kuntratt tal-Fortizza tas-Salvatur bil-kondizzjonijiet li qegħedin nippublikaw f'dan il-ġurnal";

2. "L-ewwel viljakkerija tal-Perit Mintoff hi li ma ħariġx offerti għal dan il-post. Dan hu pass li l-Perit Mintoff ma kien qatt ser jieħdu kieku ħuh Raymond ma kienx wieħed mis-soċi f'din id-ditta";

3. "Viljakkerija oħra tal-Perit Mintoff hi li tah il-post b'ċens perpetwu. B'dan il-mod is-serqa tal-poplu malti mhix qegħedha ssir għal ċertu numru ta' snin, imma qegħedha ssir in perpetwu. Dan hu assolutament kontra l-politika tal-Gvern";

4. "Preferenza ma' ħuh, li għoġbu jagħmel il-Perit Mintoff, hi n-nuqqas ta' kondizzjonijiet kif soltu jsir anki mill-privat, bħal, per eżempju, l-obligu li jsiru benefikati f'ċertu numru ta' snin";

5. "Biex żgur il-Perit Mintoff ikun seraq din il-proprjetà biex jagħtiha lill-ħuh, iċ-ċens miftiehem hu talmiżerja ta' £100 fis-sena";

6. "Din il-biċċa art u dak li hemm mibni fuqha, kieku kellha tinbiegħ, bħalli kieku xejn iġġib il-prezz ta' nofs miljun lira. B'mitt lira fis-sena l-Perit Mintoff, ta' ħalliel li hu, ġie stmaha biss erbgħa telef lira, bil-kapitalizzazzjoni ta' $2\frac{1}{2}\%$";

7. "Dak li sejrin iħallsu kull wieħed mis-soċi bħala ċens jiswielhom anqas minn £1000 kull wieħed. Jekk l-istima tagħna hija tajba, ir-rigal lil kull wieħed mis-soċi hu ftit anqas minn £100,000 kull wieħed";

8. "L-abbuż ta' Mintoff hu aktar gravi meta wieħed jikkunsidra li dak inhar li sar il-kuntratt hu kien qal lill-Gvernatur li l-flus fil-Kaxxa ta' Malta jispiċċaw fid-19 ta' April, u dak inhar kien ser jirriżenja mal-Ministri tiegħu

kollha. Imma bniedem bla prinċipju u ħalliel bħal Mintoff mhux ser jiskrupla jagħmel att bħal dan lejliet li jaqa' mill-Gvern";

9. "Anzi, għax Mintoff kien jaf li dalwaqt jispiċċa minn ministru tal-Finanzi, hu għamel minn kollox biex il-kuntratt isir "at top speed";

10. "Kien hemm impjegat taċ-Ċivil li għamel minn kollox biex jaqdi lil Mintoff mill-aħjar u malajr f'din is-serqa. Dan l-impjegat oltrepassa d-doveri tiegħu u rrenda ruħu passibbli ta' inkjesta publika u tkeċċija mis-servizz u passi kriminali kontra tiegħu ta' frodi";

11. "Huwa l-każ li jiġi eżaminat mill-Gvern li sejrin ikollna x'passi kriminali jistgħu jittieħdu kontra l-Perit Mintoff għal din is-serqa hekk faħxija. Dan, naturalment, jekk il-Perit Mintoff ma jitlaqx minn Malta qabel ma tilħqu l-id tal-ġustizzja";

12. "Jiġri x'jiġri kontra min abbuża mill-uffiċċju pubbliku tiegħu b'dan il-mod hekk abbjett u skifuż, kwalunkwe gvern li jitla' fil-poter għandu jkollu l-kuraġġ u s-sens ta' dover li ma jħallix din id-ditta dgawdi l-frott ta' tant diżonestà";

13. "Gvern ieħor jista' jgħaddi liġi biex jirrexxindi dan il-kuntratt, u jista' juża mezzi oħra ħalli l-poplu malti jerġa jieħu dak li hu tiegħu minn taħt idejn Raymond Mintoff, kompliċi u delinkwenti bħal ħuh il-Perit Mintoff, it-tnejn ħallelin u sangisugi tal-poplu";

Ikkunsidrat;

Jidher mill-verbali fol. 3 u 4, li l-imputat Dr. Caruana ammetta li kien l-editur tan-numru riferit tal-"Malta Tagħna" u eċċepixxa li l-artikolu jikkostitwixxi komment ġust ta' fatti li ġraw, u li, fi kwalunkwe każ, huwa jissumi r-responsabbiltà tal-fatti miġjuba fl-artikolu, u hu lest jipprova l-verità tagħhom; u li l-imputat Micallef ammetta li kien l-istampatur tal-gazzetta u eċċepixxa li l-artikolu mhux libelluż;

Hu evidenti għal kull qarrej li l-artikolu in kwistjoni jagħti malafama lill-Perit Mintoff, billi jattribwilu speċifikatament illi, bħala Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, fil-konċessjoni tal-enfitewsi riferita, huwa dolożament, għal vantaġġi privati bi preferenza ma' ħuħ Raymond Mintoff, abbuża minn proprjetà publika u hekk hu passibbli ta' proċediment kriminali u meritevoli tal-ħabs; u illi, biex jevita dan, għandu mnejn jaħrab minn Malta. Din l-attribuzzjoni ta' kondotta doluża hi sintetizzata fl-aħħar tal-artikolu bil-kliem:— "Huwa l-każ ukoll li jiġi eżaminat mill-Gvern li sejrin ikollna x'passi kriminali jistgħu jittieħdu kontra l-Perit Mintoff għal din is-serqa hekk faħxija. Dan naturalment jekk il-Perit Mintoff ma jilħaqx jitlaq minn Malta qabel ma tilħqu l-id tal-ġustizzja. Jiġri x'jiġri kontra min abbuża mill-uffiċċju publiku tiegħu b'dan il-mod hekk abbjett u skifuż, kwalunkwe gvern li jitla' fil-poter il-quddiem għandu jkollu l-kuraġġ u sens ta' dover morali li ma jħallix din id-ditta dgawdi l-frott ta' tant diżonestà . . . . ħalli l-poplu jerġa jieħu dak li hu tiegħu minn taħt idejn Raymond Mintoff, kompliċi u delinkwent bħal ħuh il-Perit Mintoff, it-tnejn ħallelin u sangisugi tal-poplu";

Ikkunsidrat;

L-artikolu riferit għandu bħala bażi ta' fatt dan:— (a) Konċessjoni enfitewtika mill-Gvern Ċivili, meta kien Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi l-Perit Mintoff, tal-art tas-Salvatur, tal-kejl ta' 126,509 piedi kwadri, bil-bini, parti sewwa minnu fi stat tajjeb, li hemm fuqha, lid-ditta "Prestressed Concrete (Malta) Ltd.", li tagħha hu kom-proprjetarju ma' erbgħa oħra Raymond Mintoff, ħu l-Perit Mintoff; (b) il-konċessjoni saret mingħajr offerti billi wieħed mill-enfitewti kien ħu l-Perit Mintoff; (c) l-għoti b'ċens perpetwu hu assolutament kontra l-politika tal-Gvern; (d) in-nuqqas tal-kondizzjoni solita li l-enfitewti jagħmlu benefikati f'ċertu numru ta' snin; (e) iċ-ċens mif-tieħem ta' £100 kien ferm anqas minn dak li messu kien, billi l-fond, kieku kellu jinbiegħ, iġib faċilment nofs miljun lira; (f) il-Perit Mintoff għamel minn kollox biex il-kuntratt isir "at top speed", billi kien jaf li dalwaqt jispiċċa minn Ministru tal-Finanzi; (g) impjegat taċ Ċivil

għamel minn kollox biex jaqdi l-Perit Mintoff mill-aħjar u malajr, u oltrepassa d-doveri tiegħu, u rrenda ruħu passibbli ta' passi kriminali għal frode;

Ikkunsidrat;

Irriżulta illi b'att publiku tat-28 ta' Marzu 1958 il-Gvern Ċivili, meta kien Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi l-Perit Mintoff, ta l-art "San Salvatore Bastion", tal-kejl ta' 126,509 piedi kwadri, bil-bini li hemm fuqha skond il-pjanta annessa mal-kuntratt, b'enfitewsi perpetwa lid-ditta "Prestressed Concrete (Malta) Ltd.", "in solidum" bejn is-soċi u komproprjetarji, biċ-ċens ta' £100 fis-sena li jitħallas bil-quddiem, u bil-patt li ma jsirux alterazzjonijiet fil-bini mingħajr il-kunsens tal-Public Works, u li lanqas isir bini fuq jew mas-swar; li l-fond jiġi użat biss għall-industrija; li l-enfitewti jibnu a spejjeż tagħhom aċċess per mezz ta' tarağ u dħul; iżommu fi stat tajjeb ta' riparazzjoni l-bini li hemm jew jista' jkun hemm; u jsewwu a spejjeż tagħhom il-ħsara li tista' tiġri għal kull kawża, tkun xi tkun; huma ma jistgħux jassoġġettaw il-fondi għal servitù; ma jistgħux iħaffru għall-ilma bla permess tal-Gvern; u ma jistgħux jeżerċitaw irkupru fi trasferimenti magħmula direttament mill-Gvern; u għandhom javżaw lill-Gvern b'kull ħaġa ta' interess antik jew arkeoloġiku. L-enfitewti ipotekaw b'mod ġenerali kull proprjetà tagħhom u tad-ditta;

Fil-pjanta tas-sit hemm indikat il-bini li għadu f'kondizzjoni tajba, dak danneġġjat jew maħruq sewwa, imma utilizzabbli, u dak demolit għal kollox;

Id-depożizzjonijiet fil-kawża huma sostanzjalment dawn:—

L-imputat Dr. Caruana. Bħala editur tal-"Malta Tagħna" rċieva informazzjoni li ttieħdet b'ċens mid-ditta "Prestressed Concrete (Malta) Ltd." biċċa art f'Vittoriosa, u hu kien jaf min huma s-soċi. Sab li ma ħarġux offerti, u sar jaf li l-Public Works stama' l-fond £450 bħala ċens, u wara rriduċa l-istima għal £100. Jaf il-post, u li ħdejh saru riċerki għaż-żejt. u li l-kuntratt ma ġiex sotto-

mess lill-Kumitat tal-Kuntratti. Jaf li fis-sit hemm "workshop" ta' 2820 pied kwadru u ieħor ta' 1400 pied kawdru, barra kappella, sagristija, "stores", tnax il-tank tal-ilma, u spazju fuq is-swar u taħthom, u anki skola kbira. Il-"quarters", li ħafna minnhom huma demoliti, huma konsiderevoli, tat-tul ta' tliet blokki bini tal-Belt. Jaf bl-"Industrial Estate" li għamel il-Gvern tal-Perit Mintoff, li fih mhux inkluż is-sit in kwistjoni, u jaf li l-"Aid to Industries Bill" ma ġiex preżentat fis-"second reading" tal-Assemblea, u li din l-għajnuna ma ġietx publikata. Deherlu li kienet proċedura wisq stramba. Bagħat jeżamina l-kuntratt u ordna kopja; li sa ma xehed kien għad ma għandux. Kienu dehru fil-"Malta Tagħna" artikoli bit-titoli "Mintoff Ħalliel tal-Knisja", "Bniedem bla Prinċipju", u, dwar l-inċident tar-Rediffusion, "Mintoff jgħaddi Kumpilazzjoni; Aġir Kriminali"; u ma ttieħdux passi fuq dawk l-artikoli. Ix-xhud spiċċa minn editur fis-7 ta' April 1958, u hu mhux l-awtur tal-artikolu in kwistjoni. Meta qal "Mintoff Ħalliel", qalu fuq dak li semma u fuq il-fatti preċedenti. Ma jafx x'fih il-programm "Għajjut lill-Industriji". Qabel ippublika l-artikolu ma talabx informazzjonijiet mill-Gvern. Jaf li l-Prim Ministru f'dal-każ ha nteress personali, tant li kellem lill-Ammiraljat informalment. Fl-opinjoni tax-xhud, mingħajr ma hu ċert fuq dan, il-post jiswa nofs miljun lira, għax jinsab ħdejn il-baħar u hu tajjeb għar-raffinerija taż-żejt. Deherlu li kellu fatti biżżejjed, u għalhekk ma għamelx verifiki. L-"encroachment" tan-Navy spiċċa bejn iż-17 u t-18 ta' Marzu 1958, u l-kuntratt sar f' "record time" ta' għaxart ijiem. Għad-domanda minn fejn sar jaf li l-Public Works stama' l-post b'£450, ix-xhud qal li ma jirrispondix għad-domanda, għax dak sar jafu bħala editur, u li hu, kull ma qal, sar jafu bħala editur u ġurnalista minn għand impjegati tal-Gvern bil-patt li f'ebda każ ma jikxifhom;

L-imputat Micallef. Huwa ma qarax l-artikolu qabel ma ġie publikat;

Nutar tal-Gvern Victor Miller. Il-"file" relattiv mar għandu fil-21 ta' Marzu 1958, u hu pprepara l-minuta tal-att. Is-segretarju tal-Ministru tal-Finanzi qallu biex ma jdumx. Il-kuntratt dam iżjed minn oħrajn ta' ċens, għax

kienu jonqsu xi informazzjonijiet. Kuntratti oħra damu ferm iżjed, u oħrajn anqas. Normalment, meta l-minuta tkun lesta, huwa javża l-partijiet għall-Erbgħa jew is-Sibt ta' wara. Il-Ministru Cole kien staqsieh iffissax id-data tal-publikazzjoni, peress li l-kumpannija kellha xi makkinarju ġej minn barra. Matul l-aħħar amministrazzjoni kellu istruzzjonijiet li jħaffef, u kellu diversi kuntratti fejn il-Gvern għaġġlu;

Ministru tal-Industrija u Kummerċ Dr. Abela. Il-Prim Ministru rriferielu l-ittra tal-"Prestressed Concrete" tal-20 ta' Jannar 1958, għall-konċessjoni tal-art tas-Salvatur b'enfitewsi perpetwa għall-industrija tagħhom. Kien jaf li l-post kien "on encroachment" għand l-Ammiraljat, u hu kkommunika miegħu. Meta ra li l-Ammiraljat kien dispost iħallieh, għalkemm mhux f'daqqa, huwa approva l-applikazzjoni, però, kwantu għar-rata taċ-ċens, irriferixxa l-kwistjoni lill-Public Works. Kien hemm tliet każi oħra li l-Gvern ried jeħles. L-"Aid to Industries Bill" kien jikkontempla anki "grants" jew "loans" lill-industrijalisti. Il-Gabinett kien iddeċieda li jgħin kemm jista' lill-industriji lokali, u f'xi uħud għamel diversi konċessjonijiet li qabel ma kienux isiru, bħall-każ ta' Bezzina u l-offerta lill-"British Tobacco Company", ta' ċens perpetwu. Il-Gabinett kien anki ddeċieda li ċ-ċens perpetwu jkun nominali għall-industriji ġodda, u ekonomiku, jew mhux ta' profitt, għall-oħrajn, u anki illi ma joħroġx offerti; għax l-interess tal-Gvern kien, mhux li jaqla' kemm jista', imma li jkun hawn industriji fil-pajjiż. Kien hemm il-każ ta' St. Rocco Baths, flimkien ma' proġett ieħor kbir, fejn ġew kontemplati diversi konċessjonijiet, anki finanzjarji. F'dal-każ ħarġu tenders, bi żmien tmien tijiem, biex jingħata d-dritt tal-ewwel rifjut lil min kien fil-post; però l-każ ma ġiex konkjuż. Is-Salvatur mhux fl-"industrial area". Ix-xhud insista mal-Ammiraljat biex iħalli l-post malajr. Il-konċessjoni ma ġietx quddiem il-"Contracts Committee", għax ma ħarġux offerti. Barra l-każ ta' Bezzina u dak preżenti, il-Gvern għadu ma tax artijiet għal skopijiet industrijali. L-offerta għad-Dry Dock kienet għal 99 sena. L-għoti tas-sit ma kienetx l-unika konċessjoni, u l-Gvern kien ser jesproprja l-fond akkont tal-kumpannija. Iċ-ċens kien ikun nominali ta' £1 fis-sena. Id-ditta "Prestressed" issottomettiet

li, b'post adattat, setgħet iġġib aktar makkinarji u tespandi. L-"Aid to Industries Bill" għadu mhux publikat, u lanqas il-policy tal-Gvern dwar l-għajnuna; għax kull każ għandu l-meriti tiegħu. Normalment, każi bħal dawn jiġu riferiti lill-ministeru tax-xhud, però kien hemm oħrajn li ġew riferiti lill-Prim Ministru. Il-Public Works stama' l-fond £450 biex jingħata lill-Ammiraljat, u mhux biex jingħata għall-industriji. Ġie stmat £400 ċens fis-sena jekk l-enfitewti jieħdu kumpens mill-War Damage għat-tiswijiet. Dal-kumpens ma ġiex trasferit. Is-sit kien "on encroachment" b'£1 fis-sena. Irċieva l-applikazzjoni fl-20 ta' Jannar, u rrakkomandaha fl-5 ta' Frar. Kieku ma rrakkomandahiex, kienet tispiċċa fix-xejn; bl-ebda mod il-Prim Ministru ma nfluwenzah, u l-każ segwa l-kors normali tiegħu. Il-"Prestressed Concrete" applikat għal monopolju, imma l-applikazzjoni għadha ma ġietx quddiem il-Board. Dal-każ ma taħx prijorità. Qatt ma deherlu li l-post kellu xi importanza. Kienu saru diskussjonijiet bejn rappreżentanti tad-ditta u tal-Ammiraljat, u mpjegat tad-dipartiment tiegħu, Ebejer. Kien irċieva ittra mill-Flag Officer fejn kien jingħad:— "I have been told that you are anxious to take possession of the San Salvatore Reformatory". Skond ċirkulari, l-awtorità imperjali kienet sejra tiġi avviċinata biss mill-Prim Ministru, u espropriazzjonijiet u "releases" ta' artjiet mill-awtorità imperjali kienu materja tal-uffiċċju tal-Prim Ministru. L-applikazzjoni ma kienetx tidħol fil-funzjonijiet tal-"Industrial Estate Committee". Ix-xhud ma kienx iddiskuta mas-subordinati tiegħu, kif ma għamelx anki f'każi oħra, billi mid-dipartiment tiegħu kienu qed joħorġu nformazzjonijiet fuq affarijiet konfidenzjali;

Salvatore Guillaumier. Bħala soċju, xehed fuq il-formazzjoni tal-kumpannija "Prestressed Concrete". Din nefqet mat-£12,000 f'makkinarju u "equipment". Kellhom post provviżorju Santa Vennera. Kellhom makkinarju ordnat mingħajr post fejn iqegħduh. Għall-fabbrika hu meħtieġ spazju ta' madwar 400-500 pied tul. Kien kellem lill-Ministru Dr. Abela għal sit fl-"Industrial Estate", però dan irrispondieh li l-post ma kienx lest. Huwa kiteb lill-Prim Ministru għas-Salvatur. Billi għadda ż-żmien u kien irċieva "acknowledgement" biss, u kellhom il-makkinarju

fl-għelieqi u ieħor ordnat, huwa ċempel lis-segretarju tal-Ministru tal-Industrija. Offra ċens ta' £50, billi l-post jinvolvi spejjeż kbar, fosthom mal-£400 fis-sena għall-għassiesa, għax hu fid-diżabitat, spejjeż ta' tiswija u nstallazzoni tal-luċe elettrika, ilma u drenaġġ. Fl-opinjoni tiegħu, ebda parti ma tista' tiġi użata qabel ma tiġi riparata. L-applikazzjoni għall-monopolju saret wara dik għall-fond;

Cecil Pace. Għad-Dry Docks il-Gvern kien offra l-art għal 66 sena, rinnovabbli għal 33 sena, b'ċens ta' £1 fis-sena, u faċiltazzjonijiet oħra, u l-ispiża għall-esproprjazzjonijiet ta' £250,000 ma jħallashiex il-Gvern. Oriġinarjament talbu ċens perpetwu; il-kapital involut kien ta' tliet miljun lira, u kienu jħaddmu mal-1500. L-estimu żdied sa ħames miljuni, u dak tal-impjegati minn 3000 sa 4500, u l-fond kien jiddevolvi lill-Gvern, barra l-affarijiet mobili. Il-Prim Ministru personalment tħabat ħafna ħalli jgħin f'dan il-proġett;

Perit Louis Naudi. Meta l-Perit Mintoff sar Prim Ministru, ix-xhud ha l-uffiċċju tiegħu b'salarju. Hu tħajjar, flimkien ma' Raymond Mintoff, Guillaumier, Dingli u Abela, jiffurmaw id-ditta "Prestressed". Meta offrew £50, ħadu f'konsiderazzjoni t-tiswija meħtieġa fil-post, billi s-siment irid jinżamm f'post "waterproof". Huwa dar il-post fuq invit tal-S.N.S.O., u jidhirlu li xi segretarju tal-Prim Ministru ssuġġerielu ċens ta' £100. Tkellem mad-Direttur tal-Public Works u mat-Teżorier, li bagħtu għand l-Official Secretary. Kellu żewġ konferenzi mal-Ammiraljat; f'waħda minnhom attenda l-impjegat Ebejer. Ix-xhud insista għal ċens perpetwu mad-Direttur tal-Public Works u ma' xi segretarju tal-Prim Ministru. Meta kellem lill-Prim Ministru, dan irrispondieh biex japplika bħal ħadd ieħor. Fil-kumpannija jaħdmu s'issa mal-erbatax ir-ruħ;

Raymond Mintoff. Jaħdem ta' "surveyor", u huwa soċju fid-ditta "Prestressed'. Insistew għal ċens perpetwu, peress li jridu jsiru sodod fejn jinġibdu t-travi, li jinvolvu spejjeż ta' eluf ta' liri. Valmor Borg kien ħa ċens perpetwu minn għand il-Gvern il-Marsa, mhux fl-Industrial Area". Ix-xhud hu anki soċju fir-"Raydon Construction Company", li mill-mijjiet ta' offerti li għamlet lill-Gvern ħadet

sitta jew sebgħa *biss. Id-ditta "Prestressed" ħadet kun*tratt għal parti biss tal-pont tal-Bombi, u l-profitti kienu taħt £1000, u għadha ma tħallsetx ta' kollox minħabba x multi;

Frank Abela. Hu soċju fid-ditta "Prestressed". Kien kuntrattur u għandu barriera, u kien jaħdem mal-Perit Mintoff qabel sar Prim Ministru. Iddeċedew joffru għas-Salvatur, imma Guillaumier ma kienx jaqbel. Dar il-post u sab li għandu bżonn mal-£1000 għar-riparazzjonijiet tas-soffitti, *għax it-travi jridu jinbidlu. Hu għandu salarju* bħas-soċju Dingli, u għandu anki sehem mill-profitti;

Franċis Dingli. Hu soċju fid-ditta. Qabel kien jaħdem mal-Perit Mintoff bħala kuntrattur u bennej, u fil-preżent jaħdem mal-Perit Naudi. Fis-soċjetà hu jitħallas tax-xogħol u jaqsam mill-profitti. Ħareġ sehem ta' £500. għandhom prospetti li jesportaw materjal fabbrikat. Kien jaf il-post, u l-idea tiegħu ġiet lilu. Kienu tal-ħsieb li l-Ammiraljat ma jagħmelx oppożizzjoni, għax ma kienx juża *l-post wisq. Hu anki soċju fir-"Raydon Company" flimkien* ma' Raymond Mintoff u Frank Abela. Din il-kumpannija għamlet kwantità ta' offerti lill-Gvern, però ħadet sebgħa biss, mal-waħda kull tliet xhur. Semma sebgħa lokalitajiet ta' xogħol li għamlet id-ditta "Prestressed Concrete';

Godfrey Abela. Fi żmien il-Gvern ta' Koalizzjoni kien ħa b'offerta minn għand il-Gvern Ċivili, ċens għal 150 sena, l-imħażen li diġà kellu. Kien talab, però ma otteniex, ċens perpetwu;

Frederick Darmanin. Huwa segretarju tal-Kamra tal-Kummerċ. Uffiċjalment il-Kamra ma rċevietx informazzjonijiet minn għand il-Gvern kif hu bi ħsiebu jgħin l-industriji;

Joseph Cassar. Segretarju tal-"Federation Malta Industries". Il-Gvern kemm il-darba semmielhom l-"Aids to Industries Bill", però ma qalilhomx x'sejra tkun l-għajnuna;

Joseph Bezzina. F'Lulju 1957 huwa talab "long lease"

lill-Gvern ta' biċċa art ħdejn dik li kellu b'ċens, u l-Gvern irrisponda favorevolment. L-art hija ta' 120 pied bi 80, u għandu l-obligu li jtalla' b'£4000 bini fi żmien tliet snin, u ċ-ċens huwa ta' £55 fis-sena. Iħaddem 150 ruħ. L-art hija fil-qalba tal-Marsa;

Anthony Bajada. Xi tmien snin ilu ħa b'offerta ċens minn għand il-Gvern fi Britannia Street għal 99 sena, b'£250. 10. 0 fis-sena, u bil-kondizzjoni li jibnieħ taħt penali, u mingħajr dritt ta' kumpens mill-War Damage;

Joseph Coleiro. Fl-1950 ħa b'ċens minn għand il-Gvern bla offerti s-sit tal-fabbrika, li qabel kellu b'kera, għal 90 sena b'£246 fis-sena, u bil-kondizzjoni li jagħmel, taħt penali, benefikati ta' £15,000 fi żmien ħames snin, u li jagħmel distillerija u makna tat-tadam;

Dr. Tommaso Caruana Demajo. Meta x-xhud kien Ministru tal-Industrija u Kummerċ, fl-1954 il-kumpannija ngliża "Lakeland' riedet tagħmel industrija fit-Tramway Depot. In-numru ta' impjegati u ta' kapital involuti kien konsiderevoli, u l-post kien ser jingħata b'kera. Huwa ordna li joħorġu offerti, bil-kondizzjoni li min jieħu l-post jirranġah, u dan bi spiża kbira għax kien dilapidat. Ħarġu l-avviżi għall-offerti, però ma rriżulta xejn;

Robert Stevenson Hodge. Il-Prim Ministru avviċina l-Flag Officer għat-terminazzjoni tal-"encroachment" tas-Salvatur, u l-Flag Officer ikkommunika mal-Ministru tal-Industrija u Kummerċ fl-aħħar ta' Jannar 1958. L-Official Secretary talab li l-post jiġi vakat malajr, u li, jekk l-Ammiraljat ried żmien, seta' jirranġa mad-ditta "Prestressed". Kellu nkontri mar-rappreżentant tad-ditta u tal-Ministru tal-Industrija, u rranġaw li l-Ammiraljat seta' jokkupa parti mill-post, bla ħlas, sakemm ikun jista' jivvaka. Mid-dok. "X", li x-xhud jagħraf, jirriżulta li l-ittra ntbagħtet fit-3 ta' Marzu 1958, mhux mill-Official Secretary, imma minn Carmelo Mallia għall-Official Secretary. Ix-xhud qal li ġeneralment, f'każi bħal dan, l-Ammiraljat ma jivvakax sakemm ikollu bżonn tal-post. Hija però l-intenzjoni tal-Ammiraljat li jgħin lill-Gvern fit-terminazzjoni ta' "en-

croachments", u ma kien hemm xejn anormali fl-arranġament li sar;

Wing Commander Burridge. Normalment, meta l-Gvern ikun irid jispiċċa "encroachment", javviċina lill-Gvern Imperjali, u dan lill-Air Force. Jaħseb li t-talba relattiva ssir bil-miktub;

Perit Salvatore Mangion. Direttur tal-Public Works mill-1945. Fi Frar 1958, l-Official Secretary talbu verbalment stima tas-Salvatur. Il-Perit Perici għamel li stima preliminari, wara li ddeskriva l-post, u ffissa s-somma ta' £150 fis-sena bħala ċens perpetwu. Ix-xhud biddilha f'£250. F'Mejju 1955 kienet saret stima għal parti mis-Salvatur bħala kera kummerċjali tal-post għall-Gvern Ingliż, li kienet il-parti li fiha l-aktar bini u ħsara, fis-somma ta' £250, bil-patt li l-Gvern Malti ma jsewwix il-ħsara tal-gwerra, li hija rilevantissima. Ix-xhud għamel anki stima ta' £400 bħala ċens kummerċjali għall-każ li ssir it-tiswija tal-post. Irriferixxa kollox lill-Official Secretary bil-miktub, u żied paragrafu fis-sens li, darba li l-post kien sejjer jingħata għall-industrija lokali, kien il-każ li ċ-ċens ikun ridott sostanzjalment. Żied ukoll xi kondizzjonijiet, li jissemmew aktar il-quddiem. L-"encroachment" għand l-Ammiraljat kien ta' xelin fis-sena. L-eqreb "boring" għażżejt hu xi mil bogħod linja dritt mis-sit. Is-sit jikkonsisti in parti f'imħażen mibnija fil-ħxuna tas-sur. Mis-saqaf tidħol ix-xita; diversi mħażen huma bla paviment, b'xaħx imbattam biss; il-post sofra ħsara kbira fil-gwerra, u diversi imħażen huma maħruqa, u jinsabu fi stat perikoluż. Il-post għandu arja ġenerali ta' dilapidazzjoni. Għalkemm għad hemm stores b'xi affarijiet, dawn huma oġġetti li ma jiġrilhom xejn bl-umdità. Il-kondizzjoni li l-bini ma jistgħax jiżdied, u l-limitazzjonijiet l-oħra li hemm fl-att, inaqqsu l-valur tal-fond. Ix-xhud għolla l-istima mħabba l-ispazju tal-post għax-xogħol tal-konkrit. Il-"prestressed concrete" hu sistema tajjeb u ekonomiku għall-industrija tal-bini, u hu ta' minn jinkoraġġieh għall-iżvilupp tal-industrija lokali u għall-esportazzjoni. Ix-xhud jagħmel parti mid-"Development Committee"; u kien minħabba l-policy tal-Gvern li jgħin lill-industriji li huwa rrakkomanda riduzzjoni fiċ-ċens. It-Teżor infurmaħ bil-kondizzjonijiet tal-konċessjoni

u li ċ-ċens kien ser ikun ta' £100, u talbu l-opinjoni tiegħu, u x-xhud irrisponda li kien japprova. Il-proċedura ħadet il-kors normali tagħha; u ma kienetx l-ewwel darba li sarit'u talba verbali biex jagħmel stimi, u anki proġetti kbar. Fl-"Industrial Estate" hemm kontemplati tliet daqsien ta' fabbriki, u billi l-"prestressed concrete" jirrikjedi ċertu spazju, jew il-kumpannija kien ikollha tillimita d-daqs tax-xogħol, jew kien ikollhom isiru alterazzjonijiet fl-"Estate" kollu; hekk kien aktar ta' vantaġġ li dik il-fabbrika ma ħaditx post fl-"Industrial Estate". Meta bagħat ir-risposta finali, il-"file" dam għandu ġurnata;

Alfred Salomone. Teżorier tal-Gvern u Direttur tal-Kuntratti minn Diċembru 1957. Bħala regola il-Gvern ma jagħtix ċens perpetwu, u normalment joħorġu l-offerti. Kien hemm każi, però, fejn ingħata ċens perpetwu u fejn ma ħarġux offerti. Meta rċieva l-"file", ġiet adoperata l-proċedura normali; bagħtu lill-Attorney General u lill-Public Works. Hu rrimarka li normalment ma jingħatax ċens perpetwu u joħorġu l-offerti; din però hi kwistjoni ta' policy tal-Gvern. Hu ssuġġerixxa li l-industrija tkun speċifikata, biex il-Gvern ikollu d-dritt jieħu l-art lura jekk ma tkomplix u l-Gvern ma jipprovax li tinbidel. Il-Perit Naudi u s-soċju Abela kienu talbuh iħaffef il-proċeduri. L-istima tal-Public Works kienet ta' £100 ċens. Fil-"letter minute" li hu rċieva kien hemm sgassata ċ-ċifra £250 u l-kondizzjoni li wara erbgħa snin iċ-ċens ikun £400, u l-oħra fuq riparazzjonijiet taħt penali, u li l-fond jiġi użat għall-"prestressed concrete". Peress li ma kienx hemm offerti, il-"file" ma għaddiex mill-Kumitat tal-Kuntratti. "L-"encroachment" ġie terminat fil-25 ta' Marzu 1958 per mezz ta' ittra. Meta rċieva l-"letter minute" kien staqsa lis-segretarju Carmelo Mallia, li kien iffirmaha, jekk kellux jagħmel il-proċedura normali; u dan irrispondieh affermattivament. Ix-xhud kompla jgħid li l-lum hi policy tal-Gvern li ssir distinzjoni bejn każi ta' konċessjonijiet normali u dawk li għandhom x'jaqsam mal-industriji, u li f'dal-każ it-trattattivi, f'lok mat-Teżor, isiru mal-Ministru tal-Industrija u Kummerċ, u anki mal-uffiċċju tal-Prim Ministru. Qal ukoll li, meta jagħmel ir-rimarki tiegħu, huwa ma jħarisx lejn il-lat industrijali, imma jfittex li jirrikava flus kemm jista', u illi, meta f'dal-każ għamel is-suġ-

ġerimenti tiegħu, huwa ma kienx jaf li diġà kien hemm l-approvazzjoni tal-Ministru tal-Industrija, għax kieku ma kienx jagħmilhom, għax kien ikun jaf bil-policy tal-Gvern dwar l-industriji; u inoltre Mallia ma kienx qallu fil-"letter minute" bir-rakkomandazzjoni tad-Direttur tal-Public Works għar-riduzzjoni taċ-ċens mħabba fl-iskop industrijali tal-konċessjoni. Ma saret ebda pressjoni fuq ix-xhud, u l-każ ha l-kors tiegħu normali. Meta jissewwew fondi tal-Gvern danneġġjati bil-gwerra, il-ħlas isir mill-War Damage Fund. Fit-3 ta' Marzu 1958 inbgħatet ittra lis-Segretarju tal-Gvern Imperjali biex javviċina lill-awtoritajiet navali "to release the site, which is required for industrial purposes";

John Cassar. Sa ftit ilu kien Assistent-Teżorier. Il-policy tal-Gvern dejjem kienet li ma jingħatawx ċnus perpetwi, però kien hemm eċċezzjonijiet, bħal Vincenti Buildings, li kien bl-offerti. Ix-xhud kien jirrappreżenta t-Teżor fil-"Harbour and Industrial Development Committee", u dal-kumitat kien irrakkomanda lill-Gvern jagħti ċnus perpetwi għall-"Industrial Estate." Ma jidhirlux li ġie mogħti mill-Gvern xi ċens perpetwu bla tenders; però, allura ma kienx jiġi kunsidrat l-aspett industrijali tal-każ;

Carmelo Mallia. Under-secretary fl-uffiċċju tal-Prim Ministru mis-7 ta' Diċembru 1957. Fit-8 ta' Marzu 1958 l-official secretary nkarigah ikompli l-proċeduri fuq l-applikazzjoni għaċ-ċens in kwistjoni. Mal-awtoritajiet imperjali huwa wera ċerta urġenza, kif soltu juża magħhom. Bagħat "letter minute" lit-Teżor għar-rimarki. Meta bagħatha kellu fiha, mħassra minnu stess, il-kondizzjonijiet li kien is-suġġerixxa d-Direttur tal-Public Works, ċjoè li wara erbgħa snin iċ-ċens ikun ta' £400, u li jsiru mill-enfitewta r-riparazzjonijiet, taħt penali. Skond l-istruzzjonijiet li kellu mill-official secretary qabel siefer, ix-xhud issostitwixxa dawk il-kondizzjonijiet b'oħrajn, billi din kienet konċessjoni ndustrijali. Spjega x-xhud li dan għamlu f'inkontru li kellu mad-Direttur tal-Public Works u d-Direttur tal-Mużew; u li, meta l-ewwel wieħed kien ippropona l-awment taċ-ċens f'£400, huwa kien taħt l-impressjoni, erronea skond ix-xhud, li għamel żmien segretarju tal-War Damage Commission, li l-enfitewti kien ikollhom dritt għal kumpens

*mill-War Damage Commission* għar-riparazzjonijiet fil-fond. Mit-8 sal-21 ta' Marzu 1958 huwa kien jaġixxi ta' Official Secretary. L-ittra lill-Ammiraljat dok. "X", fuq riferita, kien bagħatha hu. Żied jgħid li, kieku l-Gvern ir-rikostruwixxa l-fond, kien jieħu l-flus mir-"Reconstruction Fund". Kemm il-darba ġiet dispensata l-proċedura li d-dipartimenti tal-Gvern Ċivili ma jikkommunikawx direttament mal-Gvern Imperjali; u anki f'dal-każ, hu stess id-dispensaha;

*Onor. Edgar Cuschieri. Official Secretary u Segretarju* tal-Gabinett. Qal li fil-każ ta' ċnus il-Gvern kien jipprova jieħu l-aħjar kondizzjonijiet, għax fejn kien hemm kompetizzjoni kien jipprova jieħu l-aktar kondizzjonijiet vantaġġużi. Jaf b'fondi mogħtija *mill-Gvern b'ċens* perpetwu, bħal Vincenti Buildings, li kien fuq offerti, bħal xi art il-Furjana, u anki Għawdex. Però, il-Gvern beda jadotta policy estensiva, biex jinkoraġġixxi l-industrija u l-agrikoltura. Ftit qabel it-8 ta' Marzu 1958, ix-xhud kien qal lill-Perit Naudi li l-Gvern kien ser jilqa' t-talba tagħhom. *Huwa ra l-applikazzjoni meta ġiet rakkomandata mill-*Ministru Dr. Abela. Il-Perit Naudi u Guillaumier kienu għamlulu premura mħabba xi makkinarju li kellhom ġej minn barra. Qabel siefer, huwa nkariga lil Mallia biex *jieħu ħsieb imexxi* l-applikazzjoni. Ix-xhud, però, kien diġà rrakkomanda li ċ-ċens jingħata b'£100 in perpetwu, u nkariga lil Mallia biex jeżamina l-kondizzjpnijiet l-oħra u jmexxi l-applikazzjoni. Qallu biex jinsisti li ma jsirx bini mas-swar, u li l-konċessjonarji ma jkollhomx dritt għal kumpens għat-tiswijiet li huma jagħmlu, u lanqas *għal kumpens mill-War Damage Commission. Ma jafx* jekk il-kondizzjoni oriġinali kienetx li l-fond kellu jintuża għal "prestressed concrete", peress li kien ħalla l-eżami ta' dawk il-kondizzjonijiet għat-Teżorier u l-Attorney General. Żied jgħid li l-Gvern kien għamel kambjamenti drastiċi fl-għoti ta' artijiet għall-industrija, u kien qiegħed ilesti l-"Industrial Estate", u anki għamel kumitat ta' nies eminenti ngliżi biex jagħtuh pariri. Il-Gvern jaħtaf kwalunkwe okkażjoni ta' offerti ta' xi industrija ġdida, u l-policy tiegħu hi li, sa fejn jiddependi mir-risorsi tiegħu, huwa *jinkoraġġixxi industriji ġodda. F'Londra, il-Prim Ministru* kien offra lil ditti privati li jakkwistalhom l-art li jkunu

jridu. Ix-xhud stess ta l-parir lill-Gvern li ma joħroġx *tenders meta* jkollu talba għal xi fond minn industrijalisti. Il-Gvern ried imexxi l-każ ta' Bezzina, tal-"Malta Tobacco Company", tal-banjijiet ta' Santu r-Rokku, u l-preżenti, biex juri li kien qiegħed jagħmel dak li jista', u hekk il-Gvern jilħaq għall-osservazzjonijiet li Lord Hives kien għamillu. Meta x'xhud iffissa ċens ta' £100, huwa ħa in konsiderazzjoni li l-£250 preċedenti kienu ġew fissati għall-Ammiraljat, u illi d-Direttur tal-Public Works kien irrakkomanda riduzzjoni rilevanti. Il-każ ikkunsidraħ fuq il-meriti obbjettivi tiegħu;

Prim Ministru Onor. Perit Mintoff. Għall-ħabta ta' Diċembru 1957. jew Jannar 1958, ġie Malta l-"Hives Committee", u ddiskuta max-xhud il-leġislazzjoni dwar l-"Industrial Estate" u l-għajnuna lill-industriji lokali, u huma ftehmu li l-Gvern Malti jagħmel dak li hu possibbli mingħajr ma jistenna li tgħaddi l-leġislazzjoni jew "funds" ġodda mill-Gvern Ingliż Dak il-kumitat deherlu li l-Gvern Malti kellu jiftaħ idejh ferm aktar milli kien irrakkomanda s-"subcommittee"; u x-xhud wegħedhom li juża l-influwenza tiegħu kollha biex jiġu konklużi mill-aktar fis l-affarijiet pendenti li għalihom ma kienx hemm fondi ġodda. Fost il-pendenzi kien hemm dik ta' Bezzina u ta' Wills; u x-xhud kien qal lill-Ministru biex iħaffef il-każ ta' Wills, u huwa kompla jinvestiga personalment mad-Direttur tal-Public Works il-każ ta' Bezzina, b'riżerva għall-approvazzjoni tal-Ministru tal-Industrija u Kummerċ. Billi kien ġie nfurmat li l-proġett ta' lukanda ġdida kien ser jeħel, għax sid il-Phoenicia, li kien ser joħroġ "share" kbir, ried il-banjijiet ta' Santu Rokku, ix-xhud, biex dan ikun possibbli, kien ftiehem mal-Official Secretary u mal-Ministru tal-Industrija biex iħaffu l-preparattivi għall-offerti. Kien hemm l-offerta tal-Phoenicia biss, imma dawn ma aċċettawx il-kondizzjonijiet li kien għamel il-Gvern. Għalhekk, f'seduta mar-rappreżentanti tal-Phoenicia, mal-Ministru tal-Industrija u l-Official Secretary, ġie miftiehem li l-Gvern ibiddel il-kondizzjonijiet, biex huma jieħdu l-banjijiet. Lil Wills il-Gvern offrielu sit b'ċens perpetwu, imma l-Ministru tal-Industrija kien infurmaħ li Wills kienu qegħdin jaħsbuha jekk jibnux fabbrika ġdida. L-Ingilterra x-xhud qal lill-promotur tas-"Cement Factory" li l-Gvern Malti, "short

of actual cash", kien lest biex jgħin f'kollox. Bi ftehim mal-Ministru tal-Industrija u bil-parir ta' impjegati, ix-xhud kien ippropona lill-kumpannija taż-żejt fil-Middle East, li, meta jkollhom jieħdu minn pajjiż għall-ieħor l-"oil drilling equipment" sakemm ikollhom kuntratt ġdid, huma jistorjaw l-"equipment" u jagħmlu l-"maintenance" tiegħu hawn Malta; u jekk l-entità tal-proposta tagħhom tkun kbira, u jiggarantixxu mpjegi għal tant nies, il-Gvern kien lest iqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom il-"workshops" u li "stores" tiegħu. Kull ministru jieħu nteress personali meta jkun jaf bl-iċken ħaġa li tgħin li titwaqqaf industrija, u kwart miż-żmien tad-delegazzjoni f'Londra ġie mpjegat biex iħajru ditti jiftħu ndustriji lokali. Il-Gvern jgħin b'kull faċilitazzjoni għall-otteniment ta' sit, u kien sa jibni fabbriki biex jinkrew lill-industrijalisti biex jiffrankaw il-kapital. Id-deċiżjoni li l-Gvern jagħti ċens perpetwu kienet intħadet xhur ilu, meta x-xhud kien marid. Meta huwa staqsa lill-Ministru tal-Industrija għaliex il-"Federation of Malta Industries" ma kienux jafu bil-"policies" ġodda, dan infurmaħ li huma kienu ġġieldu mal-Gvern, u kienu anki bagħtu memorandum lill-"Hives Committee" kontra l-Gvern. Il-Gvern juża żewġ metodi: fejn jara li ma hemmx bżonn jgħin, anzi jkun hemm il-kompetizzjoni, huwa jipprova jikseb l-aħjar vantaġġ finanzjarju; imma meta jrid li l-industriji jitwaqqfu, u jara li, mhux talli ma hemmx kompetizzjoni, imma jrid iħajjar u jgħin huwa, il-Gvern mhux talli ma joħroġx tenders, imma jipprova jsib il-post huwa. B'rimedju għan-nuqqas ta' djar il-Gvern għandu proġett li jiesti t-trieqat bis-servizzi kollha u joffri s-sit għall-bini ta' djar lil min jitlobhom, bla offerti u anki b'ċens perpetwu. Dan il-proġett, però, għad mhux publikat għax għad ma tlestewx it-trieqat. Fuq il-proġett tad-Dry Dock, il-Gvern offra li jakkwista l-fondi għal-kumpannija mingħajr profitti, li jagħti l-eżenzjoni mid-dazju ta' dak li jkollha bżonn, u jagħmel id-"dredging" tal-port a spejjeż tiegħu. Il-Gvern però, ma kienx dispost f'dal-każ li jagħti konċessjoni perpetwa, għax deherlu li ħaġa bħal din xi darba għandha ssir tal-pajjiż, u mhux tibqa' ta' kapital esteru. Il-Perit Naudi kien qallu li d-ditta "Prestressed Concrete" kienet xtaqet biċċa art tal-Gvern. Hu qallu li ma

ħax gost li kellmu waqt il-ħin tal-mistrieħ, u biex japplika u jkun kunsidrat bħal ħadd ieħor. Meta rċieva l-applikazzjoni, ix-xhud qal lil-Ministru tal-Industrija jeżamina sewwa u jiddeċidi skond il-kuxjenza tiegħu, u x-xhud f'dal-każ ma taħx l-opinjoni tiegħu. Sar jaf li l-ministru rrakkomandaha; u peress li l-kuntatti mas-servizzi jsiru, bi ftehim mal-ministri, mill-uffiċċju tiegħu, ix-xhud, quddiem xi uffiċjali tal-Gvern, informa bit-telefon lill-Flag Officer bl-applikazzjoni, u staqsieħ meta jistgħu jivvakaw il-parti li kellu l-Ammiraljat. Il-Flag Officer irrispondieh li jagħmel mill-aħjar u staqsieh ma' min jikkommunika; ix-xhud indikalu lill-Ministru tal-Industrija u lis-segretarju privat tiegħu. Sussegwentement, l-Official Secretary qallu u ssuġġerielu li £100 fis-sena kien ċens adegwat, u wara r-rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Industrija li ċ-ċens ikun perpetwu, ix-xhud qabel ukoll. Dan kien l-anqas każ industrijali li x-xhud ħa nteress fih, u lanqas ra l-"file", u ma jaf xejn. Għamel ħafna "telephones" bħal dak mal-Ammiraljat, u huma soltu jitkellmu bejniethom qabel jinfetaħ "file". Fil-każ tad-Dry Docks ix-xhud kien irranġa ma' Lord Hailsham biex l-Ammiraljat jitlaq xi stores lokali u l-Gvern jagħtihom post ieħor. Fid-ditta "Prestressed Concrete" ix-xhud ma għandu ebda nteress personali;

Jirriżulta mid-dok. "Y" li l-Ministru tal-Industrija u Kummerċ kien għamel stqarrija fuq l-estimi tad-dikasteru tiegħu, fejn qal li l-Gvern ried jgħaġġel biex ikabbar l-industriji fil-pajjiż, u illi, biex iħajjar aktar nies jonfqu flushom fl-industriji lokali, hemm bżonn li l-Gvern jagħti għajnuna u faċilitazzjonijiet, u li għalhekk ġie preparat l-"Industrial Aids Bill", li bih jingħataw ħafna vantaġġi, u illi għal dan iskop l-estimi ġenerali kienu jikkomprendu s-somma ta' £45 000. Fil-paġna 5 ta' dik l-istqarrija, il-Ministru qal hekk:— "Fl-aħħar diskors tiegħu, l-Avukat Caruana qalilna li hawn Malta ma jistgħax ikollna ħlief xi industriji żgħar li għandhom x'jaqsmu mal-biedja. Jiena nirrispondi li ma naqbel xejn ma' din il-fehma, u sejjer nibqa' nagħmel ħilti kollha biex ninkoraġġixxi t-twaqqif ta' industriji ġodda";

Jirriżulta mid-dok. "V" li fil-"financial statement" tal-Ministru tal-Finanzi, Perit Mintoff, fis-seduta tal- As-

semblea Leġislattiva tat-8 ta' Marzu 1957, qal hekk:— "A provision is being made in the 1957-58 estimates of £30,000 for the building of an industrial estate, while £45,000 are being earmarked for loans and grants to new industries. This marks the new sizeable instalment of a new scheme which, if successful, would increase in magnitude";

Ikkunsidrat;

Mid-depożizzjonijiet riferiti jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet ta' fatt li fuqhom jistrieħu l-attribuzzjonijiet ta' natura kriminali magħmula fl-artikolu nkriminat lill-Perit Mintoff fihom lakuni sostanzjali għall-finijiet ta' dil-kawża. Ma ġiex pruvat li l-konċessjoni ma saretx bl-offerti billi wieħed mill-enfitewti kien hu l-Perit Mintoff; illi l-għoti b'ċens perpetwu kien assolutament kontra l-politika tal-Gvern, partikolarment in vista tal-fatt li kull gvern jagħmel il-pulitika tiegħu; li l-fond, kieku kellu jinbiegħ, kien faċilment iġib il-prezz ta' nofs miljun lira, meħud it-terminu fis-sens ta' prezz għoli ħafna li jwassal għal dak li jingħad fl-artikolu, li ċjoè "iċ-ċens miftiehem kien ferm anqas minn dak li jmissu". Għalkemm fiż-żmien li ġie publikat il-kuntratt il-Gvern irriżenja, ma rriżultax li l-Perit Mintoff għamel minn kollox biex il-kuntratt isir "at top speed", billi kien jaf li dalwaqt jirriżenja minn Ministru tal-Finanzi". Lanqas jirriżulta li l-impjegat taċ-Ċivil abbuża millkariga uffiċjali tiegħu u għamel minn kollox biex jaqdi lill-Perit Mintoff fil-konċessjoni u hekk irrenda ruħu passibbli ta' passi kriminali għal frode, kif jingħad fl-artikolu in kwistjoni. Il-portata ta' dan il-bran tal-artikolu tidher malli jiġu kunsidrati r-riflessi tiegħu fuq il-kondotta attribwita lill-Perit Mintoff;

Jista' jingħad ukoll, għall-importanza li jista' jkollha bħala informazzjoni lill-qarrej, li s-sunt tal-kuntratt tal-konċessjoni, li ġie publikat flimkien mal-artikolu, ma jindikax l-oneri u l-limitazzjonijiet imposti mill-Gvern lill-enfitewti, kif dawn jidhru fil-kuntratt, u li bħala tali jnaqqsu l-valur tal-fond;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-"fair comment", li għandha

jkollha bħala bażi fatti veri fil-kompletezza tagħhom, ma tistgħax lanqas biss tiġi kontemplata;

Għalhekk jinkombi lill-imputat Dr. Caruana, skond l-eċċezzjonijiet tiegħu, li jipprova l-attribuzzjonijiet kriminali magħmula lill-Perit Mintoff fl-estensjoni tagħhom kollha;

L-imputat Dr. Caruana, bħal kull ċittadin, kellu d-dritt li jikkommenta, u anki, jekk deherlu hekk, b'mod aħrax. indipendentement minn jekk il-qarrej jikkondividix l-opinjoni tiegħu, fuq il-konċessjoni in kwistjoni, bħala materja ta' nteress publiku. Darba, però, li fl-artikolu in eżami l-Perit Mintoff hu akkużat li abbuża. għall-vantaġġ privat tiegħu, mill-kariga għolja li kien jokkupa bħala Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, l-imputat Dr. Caruana għandu jipprova din l-akkuża; mhux sempliċement bħala "proċedura wisq stramba", kif huwa qal fid-depożizzjoni tiegħu, imma bħala fatt speċifiku u determinat skond it-termini tal-istess akkuża. Jekk l-uffiċjal publiku hu suġġett għall-kritika f'dak li jirrigwarda l-kariga tiegħu, anki b'mod iebes. u għall-bżonn preġudikat, minn naħa l-oħra l-uffiċjal publiku għandu dritt li ma jkunx offiż fl-unur u riputazzjoni tiegħu; u min jattakkalu dan il-ġid morali b'attribuzzjonijiet speċifiċi jrid, almenu sostanzjalment, jipprova l-allegazzjonijiet li jagħmel. biex ikun jista' jeħles mir-responsabbiltà tiegħu quddiem il-liġi;

F'din il-prova l-eċċipjent ma wasalx. Anki jekk tingħata latitudini kbira għall-kritika u komment bil-frażarju vivaċi u kkargat spiss adoperat fl-istampa politika, jista' wieħed jasal għall-konklużjoni, mill-fatti li rriżultaw fil-proċess, li għaliha wasal l-artikolista fuq il-Perit Mintoff? Inkwadrata l-konċessjoni fir-riżultanzi tal-inkoraġġjament u għajnuna sostanzjali li l-Gvern tal-Perit Mintoff kien jipproponà bħala politika ndustrijalista. u mqegħda fid-dawl tal-importanza kapitali li dak il-Gvern kien jagħti lill-iżvilupp tal-industrijī lokali anki fit-trattattivi ta' indoli ekonomiċi mal-Gvern mperjali, biex, skond id-depożizzjoni tal-Official Secretary. "il-Gvern jilħaq għall-osservazzjonijiet li Lord Hives kien għamillu", miċ-ċirkustanzi li jakkompanjaw dik il-konċessjoni kif irriżultaw f'dil-kawża,

ma tinġiebx il-konklużjoni li għaliha wasal l-eċċipjenti, finnatura tagħha ta' akkuża kriminali mill-aktar gravi;

Għalhekk, anki minn dan ir-rigward, id-difiża tal-imputat Dr. Caruana ma rnexxietx;

Ikkunsidrat;

L-ordni tal-Ewwel Qorti mogħti fis-sentenza appellata, li fil-ħarġa tal-"Malta Tagħna" li tiġi wara s-sentenza, u mhux iżjed tard mit-tieni waħda, tiġi publikata, bla ħlas, is-sentenza nnfisha jew sunt komprensiv tagħha, kienet fit-termini tal-art. 23(1) tal-Kap. 117, fejn hu mogħti lil'-"persuna offiża" d-dritt li titlob, bħala forma ta' riparazzjoni għall-offiża, dak il-provvediment, kif talab il-Perit Mintoff bir-rikors tiegħu tat-18 ta' April 1958. Skond l-istess liġi, il-pożizzjoni ma titbiddelx billi l-appellant Dr. Caruana fis-7 ta' April 1958 spiċċa minn editur tal-imsemmija gazzetta;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ordni tal-publikazzjoni mogħti fiha, li għandu japplika mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti.